# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Settembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Raymond Callus**

**Kumpilazzjoni Numru: 296/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raymond Callus ta' 58 sena, bin il-mejjet Carmel u Frances nee' Busuttil imwieled Paola nhar is-26 ta' Awwissu 1962, residenti gewwa 37, Flat 3, Triq Felic, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 544062(M).

Akkuzat talli bejn it-12 u d-19 ta' April 2017, minn gewwa YTC numru 227, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta u/jew f'dawn il-Gzejjer:-

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga ohra sabiex igieghlu jitwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' (€995), bi hsara ghal Bank APS, Fr Maurice Mifsud, Finance House u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;

2. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura

jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu ta’ Fr Maurice Mifsud u/jew ta’ xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;

3. Talli xjentement ghamel uzu mill-iskrittura jew kitba falza;

4. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li jiffroda lil Fr Maurice Mifsud, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu t’ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor tas-somma ta’ €500 (hames mitt ewro) u dan ghad-dannu ta’ Fr Maurice Mifsud u/jew ta’ xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra, u wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

5. Ikkommetta serq ta’ zewg cekkijiet ghad-detriment ta’ Fr Maurizio Mifsud u/jew persuni ohra.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Raymond Callus talli rrenda ruhu recediv, wara li gie misjub hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjiba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fil-kors ta’ liema kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-imputat diga hallas mitejn u hamsin Euro mill-ammont mehud u li huwa dispost jkompli jhallas il-bilanc kjollu dovut.

Semghet lill-ufficjal prosekutur tiddikjara ukoll li l-imputat huwa recidiv fit-termini ta’l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u mhux fit-termini ukoll ta’l-artikolu 50 ta’l-istess Kapitolu 9.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Min naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat diga hallas parti mill-ammont mehud u huwa dispost li jhallas il-bilanc.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b); l-artikoli 183 u 184; l-artikoli 41, 308 309 u 310(1)(c); l-artikolu 284; u l-artikoli 49 u 289, kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte leza Ersilia Gauci u l-APS Bank is-somma ta' sebgha mija u hamsa u sebghin Euro (€775)[1].

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma jhallasx l-amont ordnat fi zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] L-ammonti originarjament dovuta kienu ta' €500 lill-APS Bank u €495 lil Ersilkia Gauci; mit-total ta' €995 l-imputat hallas €250.